IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

25 ta' Awwissu 2016
70/2016

# FOND GĦALL-VITTMI MILQUTA MIT-TERREMOT FL-ITALJA

Fuq talba tal-E.T. Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna, Caritas Malta bħala l-aġenzija tal-Knisja f'Malta, b'kollaborazzjoni ma' Caritas Internationalis, qed tappella għal kontribuzzjonijiet ta' flus b'risq dawk il-persuni li tilfu lil qrabathom u djarhom, u lil dawk midruba, kawża tat-terremot li seħħ fl-Italja. Hemm urġenza kbira għall-għajnuna u fost il-vittmi hemm ħafna tfal.

Għalhekk, il-ġabra li se ssir fil-parroċċi u fil-knejjes fil-weekend li ġej, is-Sibt 27 ta' Awwissu filgħaxija u l-Ħadd 28 ta' Awwissu 2016, ser isservi biex l-Insara jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom biex jiġu megħjuna dawk il-persuni milquta mit-terremot fiċ-ċentru tal-Italja.

Id-donazzjonijiet ta' flus jistgħu jingħataw ukoll lill-kappillani, jew jitwasslu personalment il-Caritas, jew permezz ta' ċekk indirizzat lil 'Caritas Malta Emergency Fund', 5, Triq l-Iljun, Floriana FRN 1514.

Jistgħu jiġu depożitati wkoll donazzjonijiet ta' flus f'dawn il-kontijiet bankarji:

- **HSBC A/C**: 089021513050, BIC: MMEBMTMT,
  IBAN: MT49MMEB44897000000089021513051
- **BOV A/C**: 4002327007-1, BIC: VALLMTMT,
  IBAN: MT78 VALL 2201 3000 0000 4002 3270 071
- **APS A/C**: 1048901101-5, BIC: APSBMTMT,
  IBAN: MT31 APSB 7704 6000 4890 1048 9011 015

Il-Knisja f'Malta qed tappella wkoll għat-talb għall-vittmi u għall-familji tagħhom, għal dawk kollha li huma midruba, u għal dawk kollha li b'mod jew ieħor qed jagħtu l-għajnuna meħtieġa lil dawk milquta mit-terremot.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**